# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta ħamis, barra minn ħamis ix-Xirca u Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Għaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistgħu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil-kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu għall'inkas bis-sitt xhur fuk.—Min ma javżax xahar kabel tagħlaklu is-sena, jirtabat għal oħra.—Ebda chitba li tasal f'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta tagħlim, ta aħbarijet u ta mogħdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*
Proprietarju: il *Cumitat tal Għakda tal Appostulat tat-Talb.* li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, għall gid tal Maltin.
Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)
Amministratur: is-Sur Dŭardu Galea (str. Cristoforu, numru 174)
Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

L' EŬŬEL SENA. | IL ĦAMIS, il 10 TA OTTUBRU, 1912. | NRU. 35.

*Inbiercu b' kalbna collha il ĦABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, għax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*
P. Arciskof u Iskof.

## Dŭar il Ħakk.

Il President u li Mħallfin tal Krati ta fuk taŭ *Ordni*, li giè ucoll imŭettak mil Gvernatur, biex, m'illum il kuddiem, il caŭżi jimxu actar bil-ħeffa, fejn m'hemmx bżonn ta tgħarbìl cbir fuk ir-rkakat tal Ligi: u dan l'*Ordni*, fost ħŭejjeġ oħra, biex ma intaŭŭlux ŭisk, iŭiddeb li, mita għandhom jinsemgħu ix-xhieda, il caŭża ma titħalliex għal darb'oħra, għalavolja ŭieħed mill'Avucati jibgħat igħid li hu marid jeŭ għandu x'jagħmel fil Krati t'isfel, għax, jecc jiġri dan, għandu jibgħat ieħor f'lôcu; u jecc ma jibgħatx, il Korti tibka sejjra bil caŭża, għax jaħtieġ li ix-xhud jinstama f'dic il ġurnata li icun mgħajjat fiha u ma jingiebx actar minn darba.

Li fil Krati ta fuk il caŭżi chienu imorru ŭisk bil lajma u ix-xhud chienu jiġġerreŭ ix-xhur sħaħ, chien igħemgħem cull-ħadd u chien hemm bżonn tas-seŭ li jaraŭ x'jagħmlu. Imma jimrad jista cull-ħadd: u, jecc xi Avucati chienu xi drabi jabbużaŭ billi chienu jibagħtu igħidu li huma morda u imbagħd cont tarahom jiġgereŭ jeŭ jaħdmu band'oħra, l'Imħallfin setgħu ordnaŭ li il marda tal Avucati biex il caŭżi bix-xhud jibkgħu għal darb'oħra għandha tidher minn *Dett* ta Tabib, li, jecc jidhrilhom, jistgħu ucoll itellgħuħ jaħilfu kuddiemhom. Mil bkija, l'*Ordni* tal Imħallfin għoġob lîlna u lil cull-ħadd, għax magħmul biex inakkas in-nefka u il giri tan-nies, fi ftit cliem għall gid tal Poplu. Din hi ŭaħda.

***

Oħra. Kiegħed isir ħafna tgħergħir għax daŭc li icunu arrestati biex igħaddu Giurì, idum ħafna ma imisshom: u, imbagħd, minn xi dakkiet, ŭara li jagħmlu xahrejn, tlieta, sitta u sena ucoll magħlukin il ħabs, imorru il-barra, għax il Ħakk, tajjeb jeŭ ħażin, isibhom bla ħtija! Mingħajr xejn dubju, hi ħaġa kalîla li bniedem icollu jokgħod arrestat daŭc ix-xhur collha biex tasal il ġurnata li fiha jista juri l'innucenza tiegħu! U għalavolja għal daŭc stess li icunu ħatjin, l'actar jecc icunu bil ħsieb li jistkarru dnubhom malli iresskuhom kuddiem il Ħakk, m'hux sabiħ li jitkaddu il ħabs dac iż-żmien collu, jeŭ għax oħrajn imisshom kabilhom, jeŭ għax ma isirux Giurijet biż-żejjed, jeŭ għax jinżirtaŭ fi żmien il cotra tal arrestati! Imma, ħdejn pajjiżi oħra, f'dan m'aħniex mill'agħar. Il Giurijet imchien ma jimxu aħjar minn haŭn, la fil ħeffa tax-xogħol u inkas fir-rekka tal Ħakk. L'Italja, l'arrestati idumu jistenneŭ il Giurì taħħom issnin: u jecc ŭieħed jirnexxilu li il Giurì tiegħu jasal kabel għeluk is-sena arrest, jista igħid li ħa lotterija.

Biss għandna difett fil Ligi—difett cbir: u ma nistgħux nifhmu għax katt ma 'sseŭŭa. Bnadijet oħra, dac li jagħmlu il ħatjin arrestati kabel il Giurì jinkatgħalhom miż-żmien li jeħlu; u giè li ŭieħed iccundannat, ngħidu aħna sentejn, jibka sejjer il-barra, għax icun għamel daks hecc jeŭ actar arrestat. Haŭn xejn: dac iż-żmien jintilef collu: u mita jitŭal, jati geŭŭa lil cull-ħadd. Daŭn il ġranet, ŭieħed li chien ilu inin erbatax il xahar geŭŭa Cordin biex jasal il Giurì tiegħu, malli resskuħ kuddiem li 'Mħallef stkarr dnubu u ŭeħel sena u nofs: tas-seŭ li il Korti ma għafsitux u ŭaħħlitu l'inkas li setgħet tŭaħħlu scond il Ligi: imma daŭc is-sena u nofs irid jagħmilhom collha, mentri pajjiż ieħor ma chienx jagħmel minnhom ħlief erba' xhur! U daŭn huma tnejn.

***

L'aħħar ŭaħda, kasira kasira: u ngħiduha għax ilha f'għerżumitna u issa gietna ix-xokka f'moxtha.

Inħallu fil genb li uħud mil gażetti tagħna, mita igibu xi cundanni millì jatu il Magistrati—u dan jagħmluħ tista tgħid cull-jum — igħidu ħafna ħmerijet, seŭŭa fuk il ġrajja, li igħaŭŭguhom chif jidhrilhom, u seŭŭa fuk il Ligi. Min jifhem u jakrahom, għandu jidħac bil-fors: imma dan, naħsbu aħna, jiġri bi ħtija ta min icun mibgħut minnhom biex jieħdilhom mil Korti daŭc l'aħbarijet. Din il gimgħa, krajna li ŭieħed ŭeħel *tmintax irbigħi multa*: ereżija, scond il Ligi. M'hemmx *multa* ta *tmintax irbigħi*. Imma ħallina minn dan. Irridu nafu biss x'in hi din il moda li ħarget minn ftit taż-żmien il-haŭn li il gażetti il gŭappi, bl'ingliż u bit-taljan, igibu ta-sicŭit chemm ŭeħlu nies għax chienu ibiegħu il ħaxix ma dŭar is-suk, jeŭ għax chellhom il clieb bla sensja, jeŭ għax niggżu il ħmar taħħom u intietef oħra bħal daŭn?... Sa-chemm isemmu xi caż cbir, collox seŭŭa; u sa-chemm dâri chienu igibu x'nies ŭeħlu fuk il moħkrija tal bhejjem, biex jatu gost lix-*Xirca* ta daŭc il Cbarat li jaħsbu għall bhejjem u ma jaħsbux għall bniedmin, nifmuha ucoll: imma, ngħidu aħna, allura għax jagħżlu daŭc il ftit ta Korti ŭaħda u ma igibux cull-jum in-numru sħiħ tal Krati collha?... U bħalma igibu daŭc li jeħlu, forsi bi tbeżbiża lill Poplu, biex jindocra tajjeb li ma jiġrilux bħal daŭc l'*iccundannati*, għax ma igibux ucoll daŭc li jiġu *illiberati*, bi tbeżbiża lil min icun ħarrichom għal-xejn?...

Fl'aħħar nett, hemm il gażiba tal *Appell*. Din il gimgħa, ma nafux f'chemm il gażetta krajna li ŭieħed (ma 'rridux insemmuħ b'ismu, biex ma nakgħux fid-dnub aħna ucoll) ŭeħel għoxrin lira u tmin ti jem prigiunija għax ħadem il luminata biz-zaccarina; u ħadd ma kâl li hu għamel l'*Appell* u għadu ma marx il ħabs. Issa, jecc jiġri li dic is-sentenza taka jeŭ titbiddel fl'*Appell*, bħalma jakgħu u jitbiddlu sicŭit tant oħrajn, dac il bniedem min iħallsu ta chemm gerreŭ ismu il gażetti?...

Xtakna li il gażetti il cbar, la darba, chif naħsbu aħna, ma ghandhom ebda klieħ minn dan u ghall Poplu ma jaghmel ebda gid, anzi jaghmel id-deni, jarfghu ħsieb il Krati b'xi ħaġa aħjar. Hemm tant x'ighidu!

## U ir-Religjon ghalfejn?

Mhux ta min jistaghgeb, ŭara li l'Appostli tal kerk u tal ħażen kodma u ġodda, tal imghoddi u taż-żmienijet taghna, ċaħdu il Cristu, mhux ta min jistaghgeb jecc jiċħdu ir-Religjon u il bżonn li il bniedem ghandu taħħa.

U jecc l'Appostli tal kerk li dehru fi żmienna, l'Alla u il Cristu ghadhom ma ŭaslux biex jiċħduħ bil cliem; mhux l'eŭŭel darba li kâlu li ma hemmx bżonn tar-Religjon, li ir-Religjon ħmerija, li ivvintaŭha il Kassisin sabiex jisolħu il muntuni li jiġu taħt idejhom, li fid-daŭl li fiħ ninsabu hu ghajb cbir ir-Religjon, ghax ir-Religjon hi il ghadu ta cull prugress, ta cull gherf u ta cull idèa sabiħa; mhux l'eŭŭel darba li kâlu hecc, u b'hecc ureŭ li mhux biss ma jafux x'in hi Religjon u li ma ghandhom l'ebda ħiel ta li storja taħħa u ta l'istituzjoni divina taħħa; imma li bi Cristu Sidna aŭtur taħħa ma jemmnux; il ghaliex, jecc jemmnu fiħ, ghandhom jemmnu fil ghamil tieghu u fir-Religjon li hi maghmula Minnu, jigifieri ir-Religjon Cattolica. Mhux l'eŭŭel darba li kâlu, li, biex tghix ta onest u ta galantom, ma hemmx bżonn ta Religjon; li ir-Religjon hi ħaġa żejjda, ghax haŭn ħafna galantomi li ma jemmnu b'xejn u x'naf jen. Dan il cliem instama, dan it-taghlim xtered fostna, minn nies imħallsin biex ixerrduħ, minn nies li, chiecu fehmu seŭŭa xi tfisser Religjon, din il ħaġa hecc sabiħa u hecc divina, ma chienux ighidu din il chelma; u hecc juru dejjem iżjed li, meta il bniedem ghall capricciħ jitlef rasu, jaka min-nobbiltà tieghu u isir jixbaħ il bhejjem, scond ma insibu fis-salmi, bħalma rajna id-darba l'oħra. Ghaliex trid tcun altru li ħmar, biex tghid li ma hemmx bżonn ta Religjon; il bniedem, li ghadu ma tilifx rasu ghal collox, ma iridx ŭisk biex jifhem li, bħalma ghandna bilfors nemmnu f'Alla, hecc jaħtiegilna icollna ir-Religjon, li hi ir-rabta tal bniedem m'Alla l'imbierec; ma iridx ŭisk biex jifhem li, bħalma ghandna nammettu li Alla l'imbierec, fil persuna tal Iben ŭaħdu tieghu, sar bniedem u giè fid-dinja, hecc bil-fors jaħtiegilna icollna naghmlu dac li ghallimna, u nimxu fit-triek li hu uriena, li tista tŭassalna is-Sema, u dan it-taghlim u din it-triek hi ir-Religjon, li m'hix ħlief ir-Religjon Cattolica.

Il ghaliex min ghadu ma tilifx sa barra rasu, ghandu bil-fors jammetti, li gà la darba haŭn daŭn iż-żeŭġ ħŭejjeġ, Alla u il bniedem, ghandha tcun hemm bejniethom xi rabta, xi relazjoni: u din ir-rabta, din ir-relazjoni hi ir-Religjon u ma tistax tcun ħlief ir-Religjon. Jecc Alla l'imbierec ħalak il bniedem, u dan hu maħluk mn'Alla, chif jista icun katt li il bniedem ma ghandux ikim, iservi il ħalliek tieghu? Jeŭ, fi cliem ieħor, chif jista icun katt il bniedem ma icunx religjus? U billi din hi ħaġa li tidher ucoll lill ghômja, il Baruni ta Holboch, li ma chien jemmen b'xejn, kâl: *Jecc Alla jinsab, ghaliex ma natuħx il kima li tistħokklu?* Jigifieri, ried ighid, li jecc ŭieħed jemmen fl'eżistenza t'Alla, ma jistax ighid li ir-Religjon ma tinħtieġx. Mela, daŭc li ighidu li ir-Religjon ma takbilx mad-daŭl ta 'llum, li ma hemmx bżonnha, li hi tajjba ghannisa, daŭn, jeŭ ma jemmnux b'Alla, jeŭ imgienen. Jecc ma jemmnux b'Alla, barra milli huma ħmir u xi ħaġa aghar, huma ħżiena u ta min jaħrabhom u jitlob ghalihom; jecc huma imgienen, mhux aħjar ŭieħed jeħodhom ta Francuni u ma jokghodx jisma cliemhom, jecc ma iridx jinghadd b'miġnun hu ucoll? U, la ma jistax icun hemm ħlief Religjon *ŭaħda biss* vera, u din, bħalma ghad naraŭ, hi ir-Religjon Cattolica, daŭc collha li kieghdin jitkanshu biex ibieghdu minn ġo nofsna ir-Religjon Cattolica u iħaŭŭlu il ħmerijet ta setet misħutin mil Cnisja, juru li ma ghandhom l'ebda idèa ta Religjon, ghaliex fis-setet li iridu ixerrdu u li collha tŭieldu mis-suppervja u il ħażen ta min ivvintahom u mhux minn Cristu Sidna, Salvatur taghna, l'ebda ħaġa ma hemm li turi li daŭn is-setet jistghu jissejjħu religjon; ghaliex, nifmuha darba ghall dejjem, ir-rabta li ghandha torbotna m'Alla l'imbierec u li imħabba fiha nistghu noghġbu Lilu u insalvaŭ ruħna, ma tistax tcun ivvintata mil bniedmin, imma mn'Alla, u barra mir-Religjon Cattolica, is-setet l'oħra, collha chemm huma, geŭ ivvintati minn bniedmin li b'ħajjithom chienu id-dusunur tad-dinja.

Jecc, imbaghad, ŭieħed jati dakka ta ghajn lejn is-slaleb u il ghaŭġ li jinsabu fid-dinja, mischin hu jecc ma icollux ir-Religjon; dana jiddejjak, dan jakta kalbu u jiddispra. Min jaf chemm ghad irridu nixorbu fid-dinja, min jaf chemm nies ghad jittraduna iŭeġġghulna kalbna, joktluna bil-ghali; min jaf chemm ghad naraŭ mard, meŭt ta niesna u ta ħutna, u mard li ghad iŭassal lilna ucoll ghal dic is-siegha li iddokk ghal cull-ħadd, mard li ghad jitfaghna f'kieħ ta sodda, mnejn ġurnata inizżluna biex jidfnuna! Issa, f'daŭn is-slaleb u id-dŭejjak ta kalb, meta in-nies jiscartaŭna u iħalluna ŭeħidna (l'actar daŭc li icunu ittradeŭna u tilfulna ruħna) min jakbeż ghalina? Min ifarrgilna kalbna, ħlief ir-Religjon? Dina hi dic l'omm ħanina, li tismaghna fil bichi taghna, li takbeż ghalina, li taghmlilna il kalb u li fost id-dŭejjak u in-nichet tad-dinja issabbarna, billi turina il ferħ li kieghed jistenniena fid-dinja l'oħra, ferħ li ma jintemm katt. U ghalhecc inħobbu ir-Religjon, din l'omm taghna ghażiża u ħanina; inħobbuha biex noghġbu ll'Alla, inħobbuha biex ma naktghux kalbna f'din id-dinja, inħobbuha, nibżghu ghaliha, ghax imsiechen aħna jecc nitilfuha.

DUN MANŬEL.

### MIL-EFFETTI AĦNA NAGĦARFU ILLI HEMM ALLA.

Għallavolja scond bosta filosfi ma nistgħux nuru li tintgħata l-Causa Prima (1) li aħna nsejħulha Alla b-argument imsejjaħ *a priori* (2), iżda sigur li nistgħu nuru dan uisk tajjeb b-argument *a posteriori* (3), jigifieri nistgħu nuru li tesisti din il-Causa Prima mil-effetti li huma mdakksin għaliha b-daks tali li minnha għandhom in-nisel u l-cheun tagħhom.

Daun l-effetti juru tabilħakk li mid-duiem (mil-eternità) chienet din il-Causa Prima li hi uisk meħtieġa u li ħalket collox. U r-ragiuni ta' dan hi din: għaliex daun l-effetti chellhom il-cheun tagħhom jeu minnhom infushom jeu minn ħadd ieħor: ma nistgħux ngħidu li chienu minnhom infushom, għax inchella nakgħu mingħajr ma rridu f-dan l-għilt oħxon li huma chienu kabel ma chienu; mela bil-fors li huma chienu minn ħadd ieħor, u dan għandna nistkarru u ngħidu li ma hux ħlief il-Causa Prima, jecc ma rridux nakgħu f-għilt iżied icraħ minn ta' kabel.

Iżda l-ateisti jagħmlu seu-seu bħall bhejjem, igħaddsu rashom u lankas biss iħarsu lejn id-daul kauui tar-ragiuni. U biex ma jilkgħux din il-Causa Prima, jeu igħidu li jintgħatau effetti u causa bla tmiem jeu jintefgħu f-geuua abbissi ta' erruri oħra mux ankas coroħ minn ta' l-euuel.

Biex narau chemm tabilħakk ma jistax icun li l-effetti u l-causi huma bla tmiem, inkiegħdu l-euuel nett kuddiem l-għajnejn tal-karrej dac li kal Platone: «Jaħtieġ li kabel cull cotra ta' nies tkiegħed it-tauħid, (l-unità) b-tali môd li l-uieħed hu dac li collox fuk collox jati l-ligi lil culħadd. Aħna nafu li x-xini tal-antichi ma chienetx timxi mingħajr l-imkadef; l-imkadef ma chienux joforku l-ilma mingħajr il-kaddiefa, l-kaddiefa ma chienux jakdfu, jecc ma chienux imġagħalin mil-cmandant tagħhom; il cmandant ma chienx iġagħalhom, jecc hu stess ma chienx imgiegħel mil-captan; lankas il-captan ma chien iġagħal lil dan, jecc ma chienx hu ucoll imgiegħel mil-ammiral; l-ammiral (biex neħilsu) ma chienx iġagħalu, jecc hu stess ma chienx imgiegħel mir-Rè: u dan ta' l-aħħar hu dac il-uieħed li f-din il-migemgħa ta' nies jati l-ligijiet, jamar (jiccmanda) u imexxi x-xini. Dan li jiġri f-dil ħaja, jiġri ucoll fil-ħuejjeġ l-oħra. Sigur li jaħtieġ li fid-dinja, li fiha collox hu li jitkankal, icun hemm uieħed li icun l-euuel li jkankal; u dan ma jistax icun ħlief il-Causa Prima. Narau ta' cull jum bosta u bosta nies ġodda, nies ta' cotra cbira li jiġu fid-dinja: issa aħna jecc nistaksu lil l-ateisti minn fejn chellhom dauna n-nisel u l-bidu tagħhom? malajr juiegħbuna li huma mnisslin minn missierijiethom. Imma jecc nergħu nistaksuhom ta cull darba minn fejn geu mnisslin daun missierijiethom u mis-missierijiethom? Sigur li r-ragiuni minn f-lôchom u b-inchejja tagħhom tgħidilna li l-Causa Prima ħalket l-euuel bniedem li minnu mbagħad itnisslu l-bniedmin collha. Mela minn dan nieħdu bħala conseguenza li ma jistgħux jintgħatau effetti u causi bla tmiem.

*(Jissocta)* E. F.

(1) Il-Causa Prima hi dic li bl-ebda môd ma tiddependi minn ħadd ieħor, tant fil-virtù li biha tista' topra, chemm ucoll fl-esercizju ta' din il-virtù.

(2) Mita mil-causa nippruvau l-effetti tagħha, l-argument jissejjaħ *a priori.*

(3) Mita mil-effetti nippruvau l-causa tagħhom, l-argument jissejjaħ *a posteriori.*

## IL GALATEŬ MKADDES

*jeŭ chîf għandu igîb ruħu magħ Alla in-nisrani*

1. Inti u dieħel il Cnisja, ħu l'ilma mbierec, rodd is-salîb u għîd f'kalbec: «Oh Muleja, naddafni; sabiex jistħokkli nidħol ġod-dâr mkaddsa tiegħec mbażżagħ u mriegħed»; jeŭ bil latin: *Asperges me hyssopo et mundabor, lavabis me et super nivem dealbabor.*

2. Ir-rgiel ineħħu il cappell *barra* il bieb tal Cnisja u mux huma u deħlîn geŭŭa id-dâr t'Alla.

In-nisa jilbsu lbies *xierak* għal Cnisja. Jecc icollhom jilbsu il cappell, *għax ma jistgħux jagħmlu ieħor*, jiftacru li it-*Tempju t'Alla* hu mbierec u ma tixraklûx *iż-żîna tat-tiatru u tal piazza.*

3. Malli tmidd riġlejc ġol Cnisja, ŭara li trodd is-salîb bl'ilma mbierec, dûr ŭiccec lejn l'artal tas-Sagrament u agħmel *genuflessioni*, jigifieri niżżel rcopptoc il-leminija sa'l art, u tenniha inti u ħiereġ mil Cnisja (1).— Mux dejjem l'artal tas-Sagrament hua il maġġur. Imma tara liema hu malajr, għax jintgħarâf mil oħrajn mil lampier, jixgħel dejjem, u mux kuddiem x'incŭatru jeŭ xi statŭa, imma mdendel fin-nofs mil ħnejja tal cappella jeŭ kiegħed mgħal genb tal artal. F'bosta Cnejjes, fl'artal tas-Sagrament, ħalli

(1) Lil Madonna u lil Kaddisîn ma tagħmlilhomx genuflissioni, imma tbaxxîlhom râsec.

jintgħarâf mil oħrain, għal ŭieħed jixilgħu żeŭġ lampieri, ħaġa ta mìn ifaħħarha ŭisk. L-artal tas-Sagrament jintgħarâf ucoll aħjar mit-Tabernaclu mgħotti b'cunupeŭ.

4. Fil Cnisja la issellimx lil ħbieb u la tieħûx b'îd daŭc li tafhom jeŭ li jiġu minnec; imma moħħoc u kalbec għandhom icûnu biss f'Gesù Cristu Sîdna, li jinsâb ħ jj, tabilħakk u tasseŭ bil gisem, id-demm, ir-ruħ u'd-*divinità* tiegħu ġot-Tabernaclu.

5. Ankas lis-sacerdoti, meta hemm is-Sagrament espost, ma għandec issellem, jeŭ tbûs îdhom. Katt ma rajt meta jigi l'Iskof? Malli hu jara li is-Sagrament espost, ma ibericx iżjed u ankas ma iħalli mìn ibûslu il ħatem mbierec, imma jibka' sejjer dritt lejn l'artal jinxteħet għar-rcopptejh jadûra is-Santissimu.

6. Meta hemm is-Sagrament espost, chîf tidħol u kabel toħroġ mil Cnisja, agħmel *genuflissioni doppja*, jigifieri niżżel rcopptejc it-tnejn sa'l art, u mbgħad baxxi râsec li tilħak l'art b'tarf subgħajc. Hecc ucoll agħmel meta il kuddiesa tcûn ŭara l'*elevazjoni*, sachemm il kassîs jitkarben.

7. Jecc meta tidħol il Cnisja, il kassîs icûn *jeleva* jeŭ ikarben okgħod għar-rcopptejc, ħallieh jispiċċa, mbgħad mûr sîb post.

Kuddiem is-Sagrament espost, katt la tokgħod bilkegħda, imma għar-rcopptejc, jecc jista' icûn. Hecc ucoll, meta tisma' il kuddiesa ogħkod għar-rcopptejc mis-*Sanctus* sa't-Tkarbîn. Toħroġ il għageb! ŭakt l'egħżeż tal kuddiesa, fil ħîn li Gesù hu fûk l'artal fis-Sagrament, biċċa cbira mil insâra ikûmu, bi ħsejjes cbar ta siggijiet, jokogħdu bilkegħda. Dan hua il ħîn li tokgħod għar-rcopptejc tadûra, tiżżiħajr u titlob maħfra u għajnuna ll'Alla.

8. Fil curantûri u coll meta hu espost, ati kîma biss lil Gesù Sagramentat. Għalhecc, jecc mux dnûb, hua mill ankas fîh in-nifsu nukkâs ta fidi, li tokgħod għar-rcopptejc kuddiem ncŭatru u statŭi ta Kaddisîn titlobhom u tatihom kîma. Daŭc huma xbîha ta Kaddisîn u kegħdîn biex ifaccrûna fîhom, imma ġol ġurandla, fûk l'artal mux ix-xbîha ta Gesù li hemm, imma Gesù Cristu in-nifsu, chîf inhu fis-sema bid-*Divinità* u l'*Umanità* mkaddsa tiegħu. Il Cnisja trîd li ŭakt li hu espost jinżammu mgħottija ix-xbihijiet u'r-reliqŭji tal Madonna u tal Kaddisîn, u mux biss tal artal li fûku jigi espost is-Sagrament, imma ucoll mgħal bkija tal Cnisja.

9. Il kuddiesa ismagħha chemm tista' bil ħrâra u'l ġabra. X'għafsa ta kalb għas-sacerdôt, jisma' ŭarajh mìn ipaċpaċ ŭakt il kuddiesa! L'insara ta ħrâra u fidi kaŭŭija iżommu sa'n-nifs biex ankas biss jinstama' kiżdhom! Ŭakt l'Evangelju kûm bilŭiekfa, u hecc chîf jibda, bis-saba il cbir ta idec il leminija, agħmel salîb żgħîr fûk ġbînec, fûk xuftejc u fûk kalbec, biex turi li inti seddakt fîc it-tagħlîm ta Gesù Cristu u li hu imexxîc fil ħsebijiet, il cliem, l'għamîl u'l gibdiet collha ta kalbec.

10. Kîs li icolloc l'acbar kîma għad-*Dâr t'Alla*, li hi *Dâr tat-talb*. Li chiecu idaħħlûc kuddiem ir-Re biex titolbu grazzja, cont ŭakt li titolbu tokgħod treŭŭaħ bil palju jeŭ l'imreŭħa, chîf jagħmlu x'uħud il Cnisja, kuddiem it-trôn t'Alla, fejn huma kegħdîn biex jakalgħu il grazzji minn għandu? Cont tinxteħet fûk is-siġġu bħalma jinxteħet fûku xi ħadd fil Cnisja, siek fûk siek, tombrom il mustacci....?

11. Ma jixrâkx mìn jobżôk f'sâla, fûk tapît ta siŭi, ġot-*Trams*... Fil *Cnisja* mbgħad, barra li ma jixrâkx, għandec dmîr li ma tobżokx mħabba l'*igiene*, jeŭ is-saħħa tan-nies, u'r-*religion*, jeŭ il kîma għad-dâr t'Alla. Ngħożżu l'indafa tal Cnisja.

DUN PAŬL.

# Ma dûar il Gżira.

—Chelma ta Iskof! Żomm tajjeb (kâl Monsinjur Portelli lid-Direttur tal *Habib*, nhar il ħamis li għadda, fil ħamsa ta fil-għaxija, huma u dieħlin għall Lakgħa tal Cumitat tal *Cungress Eŭcaristicu*): żomm tajjeb: ibka dejjem ħanbak fuk il *paci* u l'*unità*. Is-Sagrament tal Eŭcaristija jissejjaħ is-*Sagrament tal imħabba*, jigifieri tal *għakda tal klub flimchien*. Jaħtieġ li jifhmu dan miż-żeŭġ bnadi: m'hux mument tal għilt. Il klub li m'humiex *uniti* flimchien ma jistgħux jieħdu sehem fil ŭirja sollenni ta gieħ u kima li Malta, il Patrja tagħna ilcoll, sejjra tati lill Gesù Cristu fil *Cungress Eŭcaristicu!* Żomm tajjeb u ibka miexi dritt!—Cliem imkaddes! Cliem ta Iskof fil Cnisja Cattolica, li jaf dmiru collu u ma jistmerrx minnu. U aħna, fiċ-ċocon tagħna, inħossu li għandna curaġġ biż-żejjed biex, l'eŭŭelnett għall glorja ta Gesù Sagramentat u imbagħd għall'imħabba ta Malta u għar-rġulija tagħna infusna, nieħdu dan il cliem bħala bandiera tal *Habib* u inħallu il boloħ icejjku! Ftehemna?....

—Bosta gażetti (u aħna maħħom, għad li mhux bil pinna tagħna) faħħru is-Sur Giuseppi Cilia fuk il vâra tal Madonna tar-Rużarju li għamel għall Cnisja ta ħ'Attard: u collha kâlu li hu mil Ħamrun. Imma is-Sur Cilia minn ħal Kormi: hemm tŭieled, hemm trabba, hemm bida jati-ruħu għall'Arti tiegħu u hemm jokogħdu niesu collha. Ħadd ma jista igħidu actar minn'na, li bdejna inħaddmuħ bi statŭa ċchejcna ta San Frangisc li għamlilna ilu 25 sena; u ħadd ma jatina tort li ma 'rridux inciedu lil ħaddieħor l'onur tar-raħal tagħna. Dac iż-żmien li kiegħdin insemmu, is-Sur Carlozz Darmanin, li conna immorru sicŭit għandu, chien kalîlna fuk li Scular tiegħu: *Dan għad icun Artista għapp*; u issa il profezija saħħet!

—Il Lakgħa tal Cumitat tal Cungress Eŭcaristicu, li saret fl'Oratorju ta *San Ġŭann*, nhar il ħamis li għadda, chienet ta fejda cbira, għax fiha is-Sur Andrè Vassall, C.E., P.A.A., President tas-Sotta-Cumitat għaż-żîna tattorok, ressak kuddiem il Cumitat General (chien hemm fuk is-sittin ruħ) id-disinni collha li ilu ihejj ix-xhur sħaħ: u cull-ħadd baka mgħaġġeb mhux biss bl'idejjet cbar, ġodda u sbieħ tiegħu, imma bir-rekka li biha ħaseb għal-collox. Il Cumitat, bil vôti tiegħu collha, għadda id-disinni, faħħarhom u ivvota għaż-żîna tat-torok collha mnejn għandha tgħaddi il Processjoni, magħdudin ucoll il luminazzjoni u il ġôc-di-fogu, is-somma ta elf lira, tliet mija u sittin. Taraŭ, bil għajnuna t'Alla, chif is-Sur Vassall, b'disinni li ma għandhom x'jaksmu xejn ma daŭc collha li nafu bihom s'issa, sejjer ibiddel il Belt: u fiha ma icunx hemm tarf li ma igħollix l'Isem Imkaddes ta Gesù!

—Ircevejna bl'ingliż mill'Ufficcju tal Locutenent tal Gvernatur, fl'4 ta ottubru, u nittraducju bil Malti:—«Corrispondent minn Tripli chiteb li f'daŭn l'aħħar xhur għadd cbir ta ħaddiema Maltin mar jaħdem fix-xogħol tal port il ġdid, li kiegħed isir issa mid-Ditta taljana Almagià. Il Corrispondent tagħna iħanbak li, biex ŭieħed jeħles minn cull għilt fuk chemm tcun il paga, fuk il ħruġ tal flus tal passaġġ u ħŭejjeġ hecc, il ħaddiema għandhom jiġu imŭiddbin li, kabel ma isiefru għall Tripli, jagħmlu bil mictub dac li jiftehmu ma min icunu sejjrin jaħdmu.»

—Krajna, fl'aħħar *Immaculata*, Sunett tas-Sur Sultana lill San Frangisc li għogobna ħafna, għax, barra milli hu migbud tajjeb, fiħ bosta ħsiebijet u collha chemm huma sbieħ u għôlja. Nifirħulu.

—Nhar il ħadd li għadda, fil Bażilica ta Portu-Salvu (*San Dumincu*), smajna panigircu bit-taljan fuk il *Madonna tar-Rużarju* minn predicatur li mhux għal-xejn, għad li għâdu żagħżuħ ħafna, diġà hu imsemmi ma Malta collha. Ir-Rev. Patri Lettur Fra Giusepp Xuereb, J.C.D, li donnu ilbieraħ conna mistiednin għall'eŭŭel Kuddiesa tiegħu, tà xhieda oħra tal għerf u tal ħabta li bihom żejjnu Alla: fuk collox, imbagħd, smajna b'ŭidnejna chemm sŭielu iż-żmien li kagħad Ruma, għax il *pronunzja* tat-taljan, li hi *id-difett* ta bosta predicaturi maltin mill'akŭa, ħâdha tas-seŭ sabiħa. Nifirħu lilu, lir-Reverendi Dumnicani u lill familja tiegħu.

—L'articuli tas-Sur Ġann Vassall, ta *L.G.S.*, ta *W.*, tas-Sur G. Micallef u l'oħrajn li chellna 'nħallu l'ura, naħsbu fihom il gimgħa id-dieħla: fost l'oħrajn, taraŭ xi ġmiel ta tagħlim fuk iż-Żagħfran.

—Dac il ħabib li chitbilna mill'Isla (*F. S.*), nhar is-sibt li għadda, infittxu li nakduħ mill'aħjar li nistgħu: imma darb'oħra.

—Nhar is-sibt, pitgħada, fis-7 ta fil-għaxija, l'*Unjoni Cattolica* icollha it-Teatrin, fejn isiru *Scherz comicu* (BLA MUSTACCI) li fiħ ucoll il cant, *Cummiedja* b'żeŭġ atti (NEPPUTI TA MIN?..) u *Farsa* (IL ĠURDIEN FIN-NASSA). Ħlas: għall'imsieħbin, żeŭġ soldi ir-ruħ; u għall barranin tlieta. Frattant, għandna ucoll inħabbru li ŭasal biex jarġa jibda iċ-Cinematografu, li chien tant jogħġob għal collox, imma l'actar għall'onestà tiegħu.

—Actarx, mil gimgħa id-dieħla il-kuddiem, inbiddlu il ġurnata tal ħruġ tal *Habib*: mita dan, nerġgħu navżaŭ.

—Mitlubin mil Procuratur Legali Aŭgustu German biex inħabbru li l'Ufficcju tiegħu ma għâdux strada Teatru, 57, imm'issa jinsab strada Zecca, 15, ma genb li Stamperija tal *Malta*.

— Min irid jicri erba' cmamar cbar u gabinett—haŭn il Belt, fil Cherrejja ta strada *Sant' Orsla*, numru 48—collha b'cullma titlob il Ligi tas-Sanità—jista imur għall'imfietaħ ħal Kormi, strada *San Bartilmeŭ*, numru 28.

# Ma dûar id-dinja.

*Inghilterra*—Il Professur tal Osservatorju ta Greenwich mar il Brażil, biex jistudja u jieħu fotografiji tal eclissi tax-xemx li għandu isir illum.

F'Birkenhead giè varat l'acbar bacîl taddinja: hua tŭil 680 pied, ŭasa 144, u għôli 66. Jista jarfa pîs ta erbgħin elf tonnellata. Siŭa 250 elf lira. Xtraħ l'Ammiraljat u sejjer icun mibgħut Portsmouth.

Il municipju ta Folkestone giè mitlub minn cumpanija franciża li jibni Veranda cbira, biex icunu jistgħu jisbarcaŭ il passeggieri li sejjrin igħaddu bl'areoplani, minn f'lôc bil vapur, minn Franza għall'Inghilterra.

Il gvern fl'aħħar sitt xhur daħħal fuk ħamsa u sebgħin miljun liri: żeŭġ miljuni u nofs actar milli chienu jaħsbu.

Mhux veru li ir-Re kâl li, biex jati il *Home rule* lill Irlandiżi irid isaksi lil Poplu, billi jagħmel Elezzjoni Generali.

Il vapur *America* kasam is-sottomarin No. 2. B u għerku erbatax ir-ruħ.

F'Londra sar is-solitu pranzu tal Assocjazzjoni Maltija: giè mistieden il Cardinal Bourne.

Il frejgati li inħadmu għall'Argentina xtrathom il Grecja u tellgħu il bandiera griega.

*Franza*—Fit-tempural li sar Parigi ħafna nies bakgħu feriti mix-xoroc u miċ-ċmieni li ŭakgħu mid-djar.

F'Avignone hemm ħafna deni tifu. Li sptarijet huma mimlija u is-servienti telku ghax beżghu. Il gvern chellu jitlob il ghajnuna tas-Sorijet li chien cheċċa u daŭn bla cliem accettaŭ u marru iduru bil morda.

F'Tulun, b'ferħ cbir tal poplu, varaŭ curazzata mil cbar li semmeŭha *Paris*.

*Aŭstrja*—Il flotta sejjra tiżdied bil bosta, ghax l'Inghilterra issieħbet ma Franza biex imexxu l'affarijet tal Mediterran.

Billi li Stati żghar tal Balcani collha sejjħu in-nies taħt l'armi, ghalhecc dan il pajjiż chellu jibghat it-truppi fuk il frontieri tal Bosnja u tas-Serbja.

*Balcani*—It-Turchija m'hix sejjra taghmel il manuvri fuk il fruntiera ta Adrjanopoli, ghax xi Potenzi ureŭha li dan il mument m'hix ħaġa xirka.

Il Bulgarja giet imŭissija mill'Aŭstrja u mir-Russja li, jecc ticser il paci, ir-responsabiltà taka collha fukha; b'dana collu, hi chienet obbligata issejjaħ in-nies taħt l'armi, ghax it-Turchija ma ġabritx in-nies taħha minn Adrjanopoli.

Inbghatet nota ŭisk kaŭŭija mil Grecja lit-Turchija fuk li is-suldati toroc f'Samos sparaŭ fuk vapur grieg, li chien ghaddejj: ir-risposta chienet li iddispiaciha ŭisk lit-Turchija minn din il biċċa u li ordnat li icunu iccastigati daŭc li ghandhom ħtija.

Il gvern grieg sejjaħ il vapuri collha taħt dic il bandiera mil baħar cmandat mit-Turchija.

Il Montenegru sejjaħ ucoll in-nies taħt l'armi. Il poplu mar b'ferħ cbir kuddiem il Palazz tar-Re Nicola; dan kallhom biex jobdu lilu u lill capijet militari, u li m'hix dichjarata il gŭerra billi sejjħilhom biex iservu bħala suldati.

Fil Baħar l'Isŭed jinsabu fuk sebghin vapur, ghax jibżghu li icunu makbuda mit-Toroc fid-Dardanelli.

*Italja*—Il famusa Bażilica ta San Marc (Venezja) li chienet ħasset, giet imseŭŭija, u ma hemmx biża ghal ħafna mijet ta snin oħra.

Is-Sovrani marru Livornu, biex jaraŭ il feriti tal gŭerra ta Tripli.

Marconi, dac li sâb it-telegrafu minghajr fili, ġratlu disgrazzja fi Spezja, mita chien fl'aŭtomobbli: jibżghu li jitlef ghajnu il ŭaħda.

Minn mument ghal ieħor, jistenneŭ li tigi imxandra il paci bejn dan il pajjiż u it-Turchija.

W.

## Is-Segriet tal Krar.

Nakraŭ fl'*Echo d'Htppone* tat-12 ta Settembru:

«Ilu ghoxrin sena, is-Sacerdot Kobylowics, Cappillan ta Oratow, fir-Russja, giè arrestat u cżat li katel bniedem. Difatti, ŭieħed bidŭi ghâni chien insab maktul b'żeŭġ tiri ta xcubetta: u is-Sur Mast ta li Scola ta dac ir-raħal, li chien jaghmilha ucoll ta Organista tal Parroċċa, chien spjuna bil moħbi li dac il bniedem chien katlu il Cappillan; u ŭebbel il Pulizija biex taghmel tiftixa fis-Sacristija, fejn insabet tas-seŭ li xcubetta tal Cappillan sparata frisc. L'imsejchen Sacerdot, ŭara li dâm ħafna arrestat, giè *Scumnicat* mill'Iskof ta Zylomir, Monsinjur Borouki, u iccundannat mil Korti ghall ghomru il ħabs. Xejn ma sŭielu li chemm dâmet issir il caŭża baka ighid dejjem li ma chellu ebda ħtija.—Issa, gimgha ilu, giè biex imut l'Organista; u, chif chien fl'aħħar ta ħajjtu, talab li jitchellem mal Cap tal Pulizija u mal Imħallef. Malli, 'mbaghd, daŭn resku fuku, stkarrilhom li dac il bidŭi ghâni chien katlu hu, bit-tâma li jiżżeŭŭeġ il martu, malli tcun armla; u li chien spara ghaliħ b'li xcubetta tal Cappillan Kobylowics, li chien serakhielu ghal tal apposta xi xahar kabel biex iŭaħħal fiħ u imbaghd malli ghamel id-delitt mar ħbihielu malajr fis-Sacristija, fejn sabha il Ħakk. Iżda dan m'hux collox: dac il bniedem ħażin stkarr ucoll, kabel ma ħarget ruħu, li, biex il Cappillan, jecc jaħbat jintebaħ b'xi ħaġa, ma icun jista katt jicxfu, chien mar ikerr ghandu stess u kallu id-dnub tieghu collu. Minnufiħ il Cap tal Pulizija u l'Imħallef ghamlu telegraff ghall Pietruburgu, belt principali tar-Russja, biex l'imsejchen Prigjunier, ŭara ghoxrin sena ħabs bla ħtija, jigi illiberat: u chellhom icunu jafu, b'ghokla cbira ta cull ħadd, li chien miet kalb il *Furzati* ftit xhur ilu. Dac is-Sacerdot chien miet ta veru Martri, biex jidfen fil kabar mieghu is-*Segriet tal Krar!* Imma fuk il Ħakk tad-dinja hemm il Ħakk t'Alla!»

Mil Lucerna tal Ħajja.—27. Alla fidil: ma iħallix li tcun ittentat iżjed milli tiflaħ: taka biss ghax trid inti.

## MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN.

### ACCREXXITTIV FALZ.

(*Cabbari Karriek*).

Daks li hi, chemm trid fil ġonna
issib minnha bla taħbit:
iżda, malli tmur tcabbarha,
tistcherraħha mhux bil ftit.

Ginu.

L'aħħar TAĦBIT IL MOĦĦ chien:

Misħut il bniedem li jonfor mis-slaleb li jakghu fuku ŭieħed f'ŭieħed.

Giebuħ: mil Belt, is-Sinjura Caterina Borġ u is-Sur Gius. Sciberras—mir-Rabat tal Imdina, is-Sur Dŭardu Carabot—mil Ħamrun, ir-Rev. Canonicu Saliba—u minn Ghaŭdex (ir-*Rabat*) *C. A.* u (*San-Laŭrenz*) is-Sur Dŭardu Grima.

[*Dun Paŭl*] [*Proprietà letteraria*]

# Omm tasseu u Omm taparsi

(*Mit Talian ta F. Martinengo P. d. M.*)

—Iva, iva; nigħdûlu jien il cliem tajjeb! (kabeż kâl Majsi, jitbergħen); ħalli, sur Cappillan, jiltaka' mieghi, u natic chelma...

—Haŭn aħna! mil eŭŭel bl'oħxon inti. Jaħasra! Majs, la tcattârx ghali lil dan l'imsejchen Cappillan tiegħec. Jeŭ bit-tajjeb, jeŭ xejn. Jecc inhu biex tgorrlu, biex tistħtu...le, ma 'rrîdx u ma 'rrîdx.

—U mela chîf għandna niehdûh?

—Ndaŭrrûh bil chelma it-tajba, hûx hecc, sur Cappillan? Nurûh li huma collha *impostûri*, kerk, ta dac...

—Lankas, lankas, Matt. Imsejcnîn intom! jecc tidħlu dispûta mieghu. Leŭŭelnett ankas ma tinkalgħu. Mbgħad x'taħsbu? li bid-dispûti sejrîn idûru l'eretci? Eh uliedi! actar minn tliet mija u ħamsîn sena ħîlhom sejrîn id-dispûti. Hleŭŭa, mħabba, esempji tajba, talb... jinħtieġu. Daŭn iva imissu il kalb! San Frangisc ta Sales chien igħîd, li jinkabad actar dubbien b'katra għasel, milli bi xmâra ħall. U chien jista' igħîdu fûk li ġarrab; għax bil ħleŭŭa u l'imħabba raġġa' għal ħdân tal Cnisja actar minn sebgħejn elf protestant.

—X'inhu? għandna mela ngħannkûh, nżgħêlu bîh, ŭara li ta' ruħu lix-xitân?—raġâgħlu Majsi.

X'iżżîgħel u x'tgħannak hu li k'ed tpaspar, ibni? Hudûh, jecc tintakgħu mieghu, bittajjeb bħalma dhari, li ankas biss ma jindûna li intom tâfu li hu mibjugħ lil dac l'għâdu tal Cnisja. Biss, titchellmu, tcûnu tistgħu tigħdûlu, li il Cappillan saksîcom għalîh, li nixtiek narâh u nchellmu, u chemm jien imgħolli li iżomm ruħu il bogħod minni. U jecc jakbad juricom biddŭejjak tiegħu, tarrfûlu ħelu ħelu li jien haŭn għalîh b'gismi u ruħi, mħejji, jecc hemm bżonn, ucoll mbâti għalîh. Ftehemna? Imma kîsu li titchellmu mieghu bil għakal u'l ħleŭŭa, u fûk collox li ma tidħrûx mżokkîn minni.

Haŭn laħak Peppi, collu ferħan f'ŭiċċu; sellem bil kîma collha lil Cappillan u mbgħad kabad igħîdlu: —Tâf, sur Cappillan? da'l għodu chelli mgħal protestant li hemm għandi taħdîta, li sgûr tieħu gost biha.

—Jakaŭ? x'imħâtra daŭŭarrtu? — saksîh Majsi jiċċajta.

—Le, Majs; dakkiet ta mgħallem bħal daŭn nħallihom għalîc; għ x, ħares, biex nagħmilha ta appostlu jien îdi ma taklagħnîx.

—Għîd hîsa mela; x'chienet il biċċa?—saksîh il Cappillan, li ma stabarx iżjed. U Peppi issocta:—Chienet, li da'l għodu, ŭakt li cont nirranġâlu il camra, il protestant għamilli di'l mistoksija: x'chien, Pepp, li dic ixxeŭca ta martec, tmanset u tgħakklet hecc minn ftît il haŭn?

—U int x'għidtlu?

—Jien għidtlu... Isma', sûr Cappillan: mbgħad għîdli jecc ŭiegibtûx chîf chien imissni. Għidtlu li chien minnu; semmejtlu bil priedca sabîħa, li għamiltilna il ħadd li għadda: li, għâd li hu protestant, aħna ma għandniex nonksûlu mil kîma u għandna nixtiekûlu il gîd u nitolbu għalîh; u li mîn ma jagħmilx hecc m'hûx nisrâni seŭŭa. F'chelma ŭaħda rajt chîf rġajt għidtlu, mil aħjar li stajt, daŭc il ħŭejjeġ sbieħ collha li għidtilna int.

—Bravu, seŭŭa, Pepp!... u mbgħad?

—U mbgħad... ŭakt li cont nfarfarlu l'għamara, ħsiebi li ngħidlu daŭ 'l ħŭejjeġ, nħares minn taħt il għajn u narâh jagħmel ŭiċċ ta mgħaggeb; u meta spiċċajt:—Katt jista' icûn!...—kâl għal tlieta erba' darbiet, iberrak għajnejh; u ħaseb li ridt ngħaddi iż-żmien bîh Imma x'ħîn għidtlu, fûk chelma ta ragel, li chien collu minnu li għidtlu jien, u la iżjed u la ankas, nstamat, u mbgħad kâl: — Għandcom tasseŭ l'għaliex tħobbûh lil Cappillan, jidher li hu ragel li iħobb is-seŭŭa, kassîs chîf imiss u kalbu tajba. Dnûb li hu cattolcu!—Anzi (ŭiegibtu jien) għalhecc hu tajjeb, għax sacerdot seŭŭa cattolcu.—U ktajtlu kasîr, għax bżajt li jiġbidni għal xi dispûta mieghu, u ftacart li int ma trîdx.

—Offi għalîh Peppi tiegħi! Int fhimtni: ma nistħax għar nfaħħrec. Kegħdîn taraŭ, uliedi, il ħleŭŭa! Ŭara collox da'l ħâli ta protestant, li ma hilûx ŭisk kâl il krûn collha fûki, issa beda ighiddeb lilu in-nifsu, u iżommni (jâf Alla x'jien: imma collox *a glorja* tiegħu) iżommni, cont kiegħed ingħîd, b'ŭieħed seŭŭa u tal kalb. B'hecc hu resak leja, ta pass ŭieħed ċchejchen, tabilħakk, imma, hu x'inhu, resak; resak leja kassîs, leja ragħaj tal erŭieħ cattolcu. Tgħîd mîn jâf dan hûx xi bidu fil bogħod? Oh Sinjur chemm niżżicħajr? Int ridt iġġarrabni, bli ħallejt titbigħed mil merħla nagħġa milli rħejtli f'ideja, u issa ke'd tfarraġli kalbi bli ittîni târf ta tâma!... Uliedi, ejjeŭ nkumu, ninżlu il cnisja... għax nħossni irrîd nitlob. Nitolbu għal mîn giè mkarrak u għal mîn karrak bîħ ucoll. Alla u Marija Santissima jatûna il grazzja li niġbduhom lit-tnejn, bil ħleŭŭa u l'imħabba, fûk it-triek tas-saħħa.

(19) (*Jissocta*).